# PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN

**AVVIŻI** **19 TA' AWWISSU 2018**

**Magħmudija Komunitarja**
Illum is-Sibt 18 ta' Awwissu 2018 issir il-Magħmudija bil-Quddiesa li tibda fil-5.15pm.

**Quddiesa u Adorazzjoni animata mill-*Comunità Abramo***
Illum is-Sibt 18 ta' Awwissu 2018 fit-8:00pm quddiesa fil-Knisja Parrokkjali u wara adorazzjoni sal-10:00pm animata mill-*Comunità Abramo* flimkien mal-Appostli u d-Dixxipli Franġiskani.

**Adorazzjoni tal-Ħniena Divina**
It-Tnejn 20 ta' Awwissu 2018 wara l-quddiesa tas-6:30pm jkollna l-Adorazzjoni tal-Ħniena Divina.

**Quddiesa fit-9:00am**
Nhar ta' Erbgħa matul ix-xhur ta' Awwissu fil-Knisja Parrokkjali ser ikollna quddiesa fid-9:00am. Inħeġġu lil kulħadd sabiex fil-vaganzi tas-sajf insibu ħin għal Ġesù.

**Ġimgħa mal-komunità ta Taizé**
Is-Sibt 25 ta' Awwissu 2018 grupp ta' 13-il persuna mill-parroċċa tagħna flimkien ma' Fr Luke, ser jagħmlu esperjenza ta' ġimgħa mal-komunità ta' Taizé fi Franza. Nawgurawlhom.

**BBQ fuq is-simenta**
Is-Sibt 25 ta' Awwissu 2018 ser norganizzaw BBQ fuq is-simenta. Nibdew fit-8:30pm u ser ikun hemm ukoll varjetà ta' għanjiet mill-*band* tal-Parroċċa. Inħeġġiġkom sabiex tattendu u biljetti mill-Uffiċċju Parrokkjali jew mis-Sagristija.

**Jum Wied il-Għajn 2018**
Il-Ħadd 2 ta' Settembru 2018 huwa Jum Wied il-Għajn. Fid-9:15am quddiesa u wara l-quddiesa ikollna t-tberik tal-annimali quddiem il-knisja.

**Kummissjoni Djakonija**
Il-Parroċċa tagħna bħalissa qed tgħin 67 familja permezz tal-Kummissjoni Djakonija. Min jixtieq jagħti oġġetti ta' ikel jew *preserves* jista' jħallihom fil-knisja parrokkjali fil-qoffa apposta quddiem ix-xbieħa tal-Madonna. Grazzi tal-ġenerożità tagħkom.